MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 506/2003

Kawza fil-lista: 14

**Victor u Mary Rose Wickman**
**Vs**
**Jan Clements u b' digriet tad-9 ta' Marzu 2005 gie kjamat fil-kawza Gessen Ottens, u b' digriet tal-20 ta' April 2005 gew kjamati fil-kawza Jamal Buildings Limited u Gerard Muscat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Peress illi l-fond tal-atturi li jgib l-isem La Kaptani, Triq Dwardu Ellul, Xghajra, Zabbar jmiss mal-fond tal-konvenut li jgib l-isem Katheryne Ville go Triq Dwardu Ellul, Xghajra,

Zabbar u jezisti hajt divizorju bejn il-gonna rispettivi tal-partijiet;

Peress illi l-konvenut ghamel xogholijiet ta' thaffir fil-gnien tieghu u dan bil-ghan illi ssir swimming pool u pool deck, b'tant illi dawn ix-xogholijiet diga kkawzaw u ghadhom qed jikkawzaw hsara fil-hajt divizorju u dan minhabba li kkagunaw umdita fil-hajt divizorju;

Peress illi n-natura ta' din il-hsara hija tali illi l-hajt divizorju qieghed jitmermer, b'detriment ghall-proprjeta' tal-atturi;

Peress ukoll illi biex ghamel ix-xogholijiet imsemmija l-konvenut gholla il-livell tal-fond tieghu b'cirka erba' filati, b'tant illi l-hajt divizorju gie ta' gholi inqas milli specifikat fil-provvediment tal-ligi, u tant baxx illi jintralca fuq id-dritt ta' privatezza illi huma ntitolati ghalih l-atturi;

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi ma ghandux jigi kkundannat minn din l-Onorabbli Qorti sabiex iwiegeb ghall-hsarat ikkawzati minn w ghamel dawk ir-riparazzjonijiet u ripristinazzjoni mehtiega, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi, kif ukoll jigi kkundannat ihallas l-ispiza sabiex il-hajt divizorju jigi mgholli kif specifikat mill-provvediment tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Jan Clements prezentata fit-12 ta' Mejju 2004;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Gessien Ottens prezentata fl-1 ta' April 2005;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza Gerard Muscat prezentata fil-25 ta' Mejju 2005;

Rat li s-socjeta' Jamal Enterprises Limited [C13811] kjamata fil-kawza, ghalkemm debitament notifikata fit-2 ta' Mejju 2005, baqghet kontumaci;

Rat ir-rikors[1] prezentat fil-15 ta' Lulju 2005 mill-kjamata fil-kawza, fejn dina talbet li tigi awtorizzata tipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet wara li tiggustifika l-kontumacja;

Rat l-affidavit[2] ta' Joseph Sammut, Direttur tal-imsemmija kumpanija, kif ukoll semghet ix-xhieda tieghu bil-gurament;

Ikkunsidrat dwar ir-rikors tal-kjamata fil-kawza;

Illi l-kjamata fil-kawza qeda tibbaza t-talba taghha fuq zewg premessi: li fil-kopja tac-citazzjoni notifikata lilha ma kienx hemm l-aggustament fl-okkju li juru li s-socjeta' Jamal Enterprises giet kjamata fil-kawza; u li n-notifika lill-kumpanija ma saritx fl-indirizz registrat tal-istess kumpanija.

Illi s-socjeta' rikorrenti prezentat dokumenti in sostenn tat-tesi taghha.

Illi l-kopja[3] tac-citazzjoni esebita mar-rikors tikkorrobora t-tesi tar-rikorrenti. Di fatti mkien ma hemm indikat isem is-socjeta' rikorrenti u ghalhekk il-versjoni ta' Joseph Sammut li dana haseb li n-notifika lilu kienet saret sabiex hu jitla' bhala xhud u mhux ghax kien qed jissejjah bhala kjamat fil-kawza hija, fic-cirkostanzi, accettabbli.

Illi mill-kopja ta' estratt mill-Memorandum of Association tal-kumpanija rikorrenti jirrizulta li r-registered office taghha huwa "Enruvia" L-Ibragg Road, l-Ibragg, filwaqt li n-notifika saret fil-fond residenzjali tieghu "Silverstone" Triq il-Wirt Naturali, Bahar ic-Caghaq. Dan gie konfermat ukoll mill-istess Joseph Sammut.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehma li l-kontumacja tas-socjeta' Jamal Enterprises Limited giet gustifikata u l-istess socjeta' ghandha tinghata l-fakolta' li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

[1] Fol.46 - 47
[2] Fol.43
[3] Fol.48

Ghal dawn il-motivi tiddecidi dwar ir-rikors billi tilqa’ t-talba u tawtorizza lill-imsemmija socjeta’ tipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata mid-data tallum.

Spejjez riservati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------